SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

19 ta' Marzu 2026*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Artikolu 12(5) – Artikolu 15(1) – Dritt ta' aċċess tas-suġġett tad-data għad-data personali li tikkonċernah – Dritt tal-kontrollur li jirrifjuta li jieħu azzjoni fuq it-talba għal aċċess – Natura eċċessiva tat-talba – Abbuż ta' dritt – L-ewwel talba għal aċċess – Dritt għal kumpens u responsabbiltà – Artikolu 82(1) – Azzjoni bbażata fuq ksur tad-dritt ta' aċċess – Dannu morali – Telf ta' kontroll fuq id-data personali"

Fil-Kawża C-526/24,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Amtsgericht Arnsberg (il-Qorti Distrettwali ta'Arnsberg, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-31 ta' Lulju 2024, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-istess ġurnata, fil-proċedura

Brillen Rottler GmbH & Co. KG

vs

TC,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn I. Jarukaitis, President tal-Awla, K. Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħed jaġixxi bħala Imħallef tar-Raba' Awla, M. Condinanzi, N. Jääskinen u R. Frendo (Relatriċi), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: I. Illéssy, amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-5 ta' Ġunju 2025,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Brillen Rottler GmbH & Co. KG, minn J. Tröber, Rechtsanwalt,

– għal TC, minn P. Brandt, Rechtsanwalt,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Bouchagiar, M. Heller u H. Kranenborg, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2025,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-punt 2 tal-Artikolu 4, tal-Artikolu 12(5) u tal-Artikolu 82(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2, iktar 'il quddiem il-"GDPR").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, Brillen Rottler GmbH & Co. KG, impriża tal-familja tal-ottika, u, min-naħa l-oħra, TC, individwu, dwar ir-rifjut, min-naħa ta' din l-impriża, li tilqa' t-talba għal aċċess għad-data personali tiegħu mressqa minn TC skont l-Artikolu 15 tal-GDPR.

Il-kuntest ġuridiku

3 Il-premessi 4, 10, 11, 63, 85, 141 u 146 tal-GDPR jipprovdu:

"(4) L-ipproċessar tad-data personali għandu jitfassal biex iservi lill-bniedem. Id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali mhuwiex dritt assolut; huwa għandu jiġi kkunsidrat b'rabta mal-funzjoni tiegħu fis-soċjetà u jkun ibbilanċjat ma' drittijiet fundamentali oħrajn, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali kollha u josserva l-libertajiet u l-prinċipji rikonoxxuti fil-[Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-'Karta')] kif integrata fit-Trattati, b'mod partikolari r-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, id-dar u l-komunikazzjonijiet, il-protezzjoni tad-data personali, il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà tal-intrapriża, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali u d-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika.

[…]

(10) Sabiex ikun żgurat livell konsistenti u għoli ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi u sabiex jitneħħew l-ostakoli għaċ-ċirkolazzjoni tad-data personali fl-Unjoni [Ewropea], il-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' din id-data għandu jkun ekwivalenti fl-Istati Membri kollha. L-applikazzjoni konsistenti u omoġenea tar-regoli għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali għandha tkun żgurata fl-Unjoni kollha. […]

(11) Il-protezzjoni effettiva tad-data personali fl-Unjoni kollha teħtieġ it-tisħiħ u l-ispeċifikar fid-dettall tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data u l-obbligi ta' dawk li jipproċessaw u jiddeterminaw l-ipproċessar ta' data personali, kif ukoll ta' setgħat ekwivalenti għall-monitoraġġ u l-iżgurar tal-konformità mar-regoli għall-protezzjoni tad-data personali u sanzjonijiet ekwivalenti għall-ksur fl-Istati Membri.

[…]

(63) Suġġett tad-data għandu jkollu d-dritt ta' aċċess għal data li tkun inġabret dwaru, u li jeżerċita dak id-dritt faċilment u f'intervalli raġonevoli, sabiex ikun jaf dwar, u jivverifika, il-legalità tal-ipproċessar. […]

(85) Il-vjolazzjoni ta' data personali tista', jekk ma tiġix indirizzata b'mod adegwat u fil-ħin, tirriżulta f'dannu fiżiku, materjali jew mhux materjali lill-persuni fiżiċi bħat-telf ta' kontroll tad-data personali tagħhom jew limitazzjoni tad-drittijiet tagħhom, diskriminazzjoni, serq tal-identità jew frodi, telf finanzjarju, it-treġġigħ lura mhux awtorizzat tal-psewdonimizzazzjoni, dannu għar-reputazzjoni, telf ta' kunfidenzjalità tad-data personali protetta mis-segretezza professjonali jew kwalunkwe żvantaġġ ekonomiku jew soċjali ieħor għall-persuna fiżika kkonċernata. […]

[…]

(141) Kull suġġett tad-data għandu jkollu d-dritt li jressaq ilment quddiem awtorità superviżorja unika, b'mod partikolari fl-Istat Membru tar-residenza abitwali tiegħu, u jkollu d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta jekk is-suġġett tad-data jqis li jkun hemm ksur tad-drittijiet tiegħu skont dan ir-Regolament […]

[…]

(146) Il-kontrollur […] għandu jikkumpensa għal kwalunkwe dannu li tista' ssofri persuna b'riżultat ta' pproċessar li jikser dan ir-Regolament. Il-kontrollur jew […] għandu jiġi eżentat mir-responsabbiltà jekk iġib provi li huwa mhuwiex responsabbli bl-ebda mod għad-dannu. Il-kunċett ta' dannu għandu jiġi interpretat b'mod wiesa' fid-dawl tal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja b'mod li jissodisfa b'mod sħiħ l-objettivi ta' dan ir-Regolament. […] Is-suġġetti tad-data għandhom jirċievu kumpens sħiħ u effettiv għad-dannu li jkunu ġarrbu. […]"

4 Skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament, intitolat "Definizzjonijiet":

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

[…]

(2) 'ipproċessar' tfisser kwalunkwe attività jew sett ta' attivitajiet li jitwettqu fuq data personali jew fuq settijiet ta' data personali, sew jekk b'mezzi awtomatizzati u sew jekk mingħajrhom, bħalma huma l-ġbir, ir-reġistrazzjoni, l-organizzazzjoni, l-istrutturar, il-ħażna, l-adattament jew il-bidliet, l-irkupru, il-konsultazzjoni, l-użu, l-iżvelar bi trażmissjoni, it-tixrid jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni b'xi mezz ieħor, l-allinjament jew it-taħlita, ir-restrizzjoni, it-tħassir jew il-qerda;

[…]"

5 L-Artikolu 12 tal-imsemmi regolament, intitolat “Informazzjoni, komunikazzjoni u modalitajiet trasparenti għall-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġett tad-data”, jipprovdi, fil-paragrafu (1), (2) u (5) tiegħu:

“1. Il-kontrollur għandu jieħu miżuri adatti biex jipprovdi kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-Artikoli 13 u 14 u kwalunkwe komunikazzjoni skont l-Artikoli 15 sa 22 u 34 relatata mal-ipproċessar lis-suġġett tad-data […]

2. Il-kontrollur għandu jiffaċilita l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġett tad-data skont l-Artikoli 15 sa 22. […]

[…]

5. L-informazzjoni pprovduta skont l-Artikoli 13 u 14 u kwalunkwe komunikazzjoni u kwalunkwe azzjoni skont l-Artikoli 15 sa 22 u 34 għandhom jingħataw mingħajr ħlas. Fejn it-talbiet minn suġġett tad-data jkunu manifestament bla bażi jew eċċessivi, b’mod partikolari minħabba n-natura ripetittiva tagħhom, il-kontrollur jista’ jew:

(a) jimponi ħlas raġonevoli waqt li jqis l-ispejjeż amministrattivi talli jipprovdi l-informazzjoni jew il-komunikazzjoni jew talli jieħu l-azzjoni mitluba; jew

(b) jirrifjuta li jieħu azzjoni fuq it-talba.

Il-kontrollur għandu jerfa’ r-responsabbiltà li juri n-natura manifestament mingħajr bażi jew eċċessiva tat-talba.”

6 L-Artikolu 15 tal-istess regolament, intitolat “Dritt ta’ aċċess mis-suġġett tad-data”, jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“Is-suġġett tad-data għandu d-dritt li jikseb mingħand il-kontrollur konferma dwar jekk id-data personali li tikkonċerna lilu hijiex qiegħda tiġi proċessata jew le, u, fejn dan ikun il-każ, l-aċċess għad-data personali u l-informazzjoni li ġejja:

[…]”

7 L-Artikolu 26 tal-GDPR, intitolat “Kontrolluri konġunti”, jipprovdi fl-ewwel paragrafu tiegħu:

“Fejn żewġ kontrolluri jew aktar jiddeterminaw flimkien l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar, huma għandhom ikunu kontrolluri konġunti.. […]”

8 L-Artikolu 30 ta’ dan ir-regolament, intitolat “Reġistru tal-attivitajiet ta’ pproċessar”, jipprevedi fl-ewwel paragrafu tiegħu:

“Kull kontrollur u, fejn applikabbli, ir-rappreżentant tal-kontrollur, għandu jżomm reġistru tal-attivitajiet ta’ pproċessar taħt ir-responsabbiltà tiegħu. […]”

9 L-Artikolu 57 tal-imsemmi regolament, intitolat "Kompiti"", jipprovdi, fil-paragrafi 1 u 4 tiegħu:

"1. Mingħajr preġudizzju għal kompiti oħra stabbiliti f'dan ir-Regolament, kull awtorità superviżorja għandha fit-territorju tagħha:

[…]

(f) tittratta lmenti mressqa minn suġġett tad-data, jew minn korp, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni f'konformità mal-Artikolu 80, u tinvestiga, sa fejn ikun xieraq […];

[…]

4. F'każ li t-talbiet ikunu manifestament bla bażi jew eċċessivi, b'mod partikolari minħabba n-natura ripetittiva tagħhom, l-awtorità superviżorja tista' timponi tariffa raġonevoli bbażata fuq l-ispejjeż amministrattivi, jew tirrifjuta li taġixxi fuq it-talba. L-awtorità superviżorja għandha terfa' r-responsabbiltà li turi n-natura manifestament bla bażi jew eċċessiva tat-talba."

10 L-Artikolu 79 tal-istess regolament, intitolat "Dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv kontra kontrollur jew proċessur", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew mhux ġudizzjarju disponibbli, inkluż id-dritt li jitressaq ilment quddiem awtorità superviżorja skont l-Artikolu 77, kull suġġett tad-data għandu d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv fejn jikkunsidra li nkisru d-drittijiet tiegħu taħt dan ir-Regolament b'riżultat tal-ipproċessar tad-data personali tiegħu b'nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament."

11 L-Artikolu 82 tal-GDPR, intitolat "Dritt għal kumpens u responsabbiltà", jipprovdi, fil-paragrafi 1, 2 u 4 tiegħu:

"1. Kwalunkwe persuna li tkun ġarrbet xi dannu materjali jew mhux materjali b'riżultat ta' ksur ta' dan ir-Regolament għandu jkollha d-dritt li tirċievi kumpens mill-kontrollur jew il-proċessur għad-dannu mġarrab.

2. Kwalunkwe kontrollur involut fl-ipproċessar għandu jkunu responsabbli għad-dannu kkawżat mill-ipproċessar li jikser dan ir-Regolament. […]

[…]

4. Fejn aktar minn kontrollur jew proċessur wieħed, jew kemm kontrollur kif ukoll proċessur, ikunu involuti fl-istess proċediment u fejn, taħt il-paragrafi 2 u 3, ikunu responsabbli għal kwalunkwe dannu kkawżat mill-ipproċessar, kull kontrollur jew proċessur għandhom jinżammu responsabbli għad-dannu kollu, sabiex jiġi żgurat kumpens effettiv għas-suġġett tad-data."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

12 F'Marzu 2023, TC, persuna fiżika residenti fl-Awstrija, abbona ruħu għan-newsletter ta' Brillen Rottler, impriża tal-familja tal-ottika stabbilita f'Arnsberg (il-Ġermanja), billi daħħal id-data personali tiegħu fil-formola ta' reġistrazzjoni li tinsab fis-sit internet ta' din l-impriża u billi ta l-kunsens għall-ipproċessar ta' din id-data. Tlettax-il jum wara, TC ressaq lil Brillen Rottler talba għal aċċess skont l-Artikolu 15 tal-GDPR.

13 Brillen Rottler, fit-terminu legali ta' xahar, ċaħdet it-talba għal aċċess, billi qieset li din kienet abbużiva, fis-sens tat-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(5) tal-GDPR. Hija talbet lil TC jirrinunzja definittivament għat-talba tiegħu.

14 Peress li dan tal-aħħar żamm it-talba tiegħu għal aċċess, filwaqt li żied talba għal kumpens skont l-Artikolu 82 tal-GDPR għal ammont ta' EUR 1 000, Brillen Rottler adixxiet lill-Amtsgericht Arnsberg (il-Qorti Distrettwali ta' Arnsberg, il-Ġermanja), li hija l-qorti tar-rinviju, b'talba intiża sabiex jiġi kkonstatat li TC ma għandu dritt għal ebda kumpens.

15 Insostenn tat-talba tagħha, Brillen Rottler issostni li minn diversi rapporti, artikli ta' blogs u newsletters ta' avukati jirriżulta li TC jintroduċi sistematikament u abbużivament talbiet għal aċċess għad-data personali tiegħu bl-uniku għan li jikseb kumpens minħabba allegat ksur, li huwa jikkawża deliberatament, drittijiet li huwa jislet mill-GDPR. Il-*modus operandi* ta' TC jikkonsisti, qabelxejn, li jabbona ruħu għal newsletter ta' informazzjoni, imbagħad iressaq talba għal aċċess u, fl-aħħar nett, iressaq talba għal kumpens.

16 TC isostni quddiem il-qorti tar-rinviju li t-talba għal aċċess li huwa ressaq lil Brillen Rottler hija leġittima, li hija l-espressjoni tad-dritt ta' aċċess mogħti lilu mill-Artikolu 15 tal-GDPR u li din il-kumpannija tipprova tirrestrinġi illegalment id-drittijiet mogħtija lilu minn dan ir-regolament. Permezz ta' kontrotalba, huwa jitlob li Brillen Rottler tiġi kkundannata tħallsu kumpens ta' mill-inqas EUR 1 000 bħala kumpens għad-dannu morali tiegħu, imġarrab minħabba r-rifjut ta' din il-kumpannija li tagħtih aċċess għad-data personali tiegħu.

17 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fl-ewwel lok, dwar il-kwistjoni ta' jekk l-ewwel talba għal aċċess imressqa mis-suġġett tad-data tistax titqies bħala "talba eċċessiva", fis-sens tal-Artikolu 12(5) tal-GDPR u, għalhekk, jekk tistax tikkostitwixxi abbuż ta' dritt, u liema huma ċ-ċirkustanzi li jippermettu li tiġi kkonstatata tali natura eċċessiva. Hija tistaqsi, b'mod partikolari, jekk, sabiex jiċħad talba għal aċċess abbażi ta' din id-dispożizzjoni, kontrollur jistax jibbaża ruħu fuq informazzjoni pubblika li tiżvela l-eżistenza ta' diversi talbiet għal aċċess u għal kumpens imressqa minn din l-istess persuna quddiem kontrolluri oħra.

18 Fit-tieni lok, din il-qorti tistaqsi jekk talba għal aċċess imressqa skont l-Artikolu 15(1) tal-GDPR u/jew ir-risposta għal din it-talba jistgħux jikkostitwixxu "ipproċessar", fis-sens tal-punt 2 tal-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament.

19 Fit-tielet lok, l-imsemmija qorti għandha dubji dwar il-kriterji ta' identifikazzjoni tad-danni li jistgħu jiġu kkumpensati skont l-Artikolu 82(1) tal-GDPR, u b'mod partikolari dwar jekk, anki fl-assenza ta' pproċessar, dan l-artikolu jagħtix tali dritt abbażi biss tal-ksur tad-dritt ta'aċċess previst fl-Artikolu 15(1) ta' dan ir-regolament.

20 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Amtsgericht Arnsberg (il-Qorti Distrettwali ta' Arnsberg) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) It-tieni sentenza [tal-ewwel subparagrafu] tal-Artikolu 12(5) [tal-GDPR], għandha tiġi interpretata fis-sens li ma jistax ikun hemm talba għal aċċess eċċessiva min-naħa tas-suġġett tad-data [meta] l-ewwel talba ssir lill-kontrollur?

2) It-tieni sentenza [tal-ewwel subparagrafu] tal-Artikolu 12(5) tal-GDPR għandha tiġi interpretata fis-sens li l-kontrollur jista' jirrifjuta talba għal aċċess lis-suġġett tad-data meta dan tal-aħħar ikun ressaqha sabiex sussegwentement jikseb kumpens mingħand il-kontrollur?

3) It-tieni sentenza [tal-ewwel subparagrafu] tal-Artikolu 12(5) tal-GDPR għandha tiġi interpretata fis-sens li ċ-ċaħda ta' talba għal aċċess tkun iġġustifikata jekk ikun hemm informazzjoni dwar is-suġġett tad-data li hija aċċessibbli għall-pubbliku u li minnha jista' jiġi konkluż li, f'numru kbir ta' każijiet ta' ksur dwar il-protezzjoni tad-data, is-suġġett tad-data qiegħed jeżerċita d-dritt tiegħu għal kumpens fil-konfront tal-kontrollur?

4) Il-punt 2 tal-Artikolu 4 tal-GDPR għandu jiġi interpretat fis-sens li t-talba għal aċċess ta' suġġett tad-data lill-kontrollur skont l-Artikolu 15(1) ta' dan ir-regolament u/jew ir-risposta għaliha jikkostitwixxu pproċessar fis-sens [tal-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet]?

5) L-Artikolu 82(1) tal-GDPR, moqri fid-dawl tal-ewwel sentenza tal-premessa 146 tal-GDPR, għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa biss id-dannu mġarrab mis-suġġett tad-data minħabba pproċessar li jista' jiġi kkumpensat? Dan ifisser li, sabiex ikun hemm talba għal kumpens skont l-Artikolu 82(1) tal-GDPR, jekk jitqies li jeżisti dannu kkawżat minn dan l-ipproċessar, għandu neċessarjament ikun hemm ipproċessar ta' data personali tas-suġġett tad-data?

6) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ħames domanda: isegwi li s-suġġett tad-data, jekk jitqies li jeżisti dannu kkawżat minn dan l-ipproċessar, ma jkollux dritt għal kumpens skont l-Artikolu 82(1) tal-GDPR sempliċement abbażi tal-ksur tad-dritt ta' aċċess tiegħu skont l-Artikolu 15(1) tal-GDPR?

7) L-Artikolu 82(1) tal-GDPR għandu jiġi interpretat fis-sens li l-eċċezzjoni ta' abbuż ta' dritt imqajma mill-kontrollur fir-rigward ta' talba għal aċċess tas-suġġett tad-data ma tistax, fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, tikkonsisti fil-fatt li dan is-suġġett tad-data jkun ikkawża l-ipproċessar tad-data personali tiegħu eskużivament jew, b'mod partikolari, sabiex jitlob kumpens?

8) Fil-każ ta' risposta negattiva għas-sitt u għas-seba' domanda: it-telf ta' kontroll u/jew l-inċertezza dwar l-ipproċessar tad-data personali tas-suġġett tad-data li jirriżultaw minn ksur tal-Artikolu 15(1) tal-GDPR jikkostitwixxu, fihom infushom, dannu morali lis-suġġett tad-data, fis-sens tal-Artikolu 82(1) tal-GDPR, jew barra minn hekk huwa meħtieġ li jkun hemm limitazzjoni addizzjonali (oġġettiva jew suġġettiva) u/jew dannu (sinjifikattiv) lis-suġġett tad-data?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel sat-tielet domanda u s-seba' domanda

21 Permezz tal-ewwel sat-tielet domanda u s-seba' domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien u fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 12(5) tal-GDPR għandux jiġi interpretat fis-sens li l-ewwel talba għal aċċess għad-data personali mressqa mis-suġġett tad-data quddiem il-kontrollur skont l-Artikolu 15 ta' dan ir-regolament tista' titqies li hija "eċċessiva" fis-sens ta' dan l-Artikolu 12(5) u, jekk dan ikun il-każ, liema huma ċ-ċirkustanzi li jippermettu, skont il-każ, li tiġi kkonstatata tali natura eċċessiva.

22 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 15(1) tal-GDPR jiggarantixxi lis-suġġett tad-data d-dritt li jikseb mill-kontrollur il-konferma li data personali li tikkonċernah tkun jew ma tkunx ipproċessata, u fejn dan ikun il-każ, id-dritt ta' aċċess ta' dan is-suġġett tad-data, għad-data u għall-informazzjoni tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2023, FT (Kopji tal-fajl mediku), C-307/22, EU:C:2023:811, punt 31).

23 Barra minn hekk, l-Artikolu 12(5) tal-GDPR jistabbilixxi l-prinċipju li l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ta' aċċess ma jinvolvi ebda spiża għas-suġġett tad-data. Madankollu, din l-aħħar dispożizzjoni tipprevedi żewġ raġunijiet li abbażi tagħhom kontrollur jista' jew jitlob il-ħlas ta' tariffi raġonevoli li jieħdu inkunsiderazzjoni l-ispejjeż amministrattivi, jew jirrifjuta li jieħu passi fir-rigward ta' talba għal aċċess. Dawn ir-raġunijiet jirrigwardaw każijiet ta' abbuż ta' dritt, li fihom it-talbiet tas-suġġett tad-data għandhom jitqiesu bħala "manifestament bla bażi" jew "eċċessivi", b'mod partikolari minħabba n-natura ripetittiva tagħhom (sentenza tas-26 ta' Ottubru 2023, FT (Kopji tal-fajl mediku), C-307/22, EU:C:2023:811, punt 31).

24 F'dak li jirrigwarda, l-ewwel, il-kwistjoni dwar jekk l-ewwel talba għal aċċess imressqa mis-suġġett tad-data quddiem il-kontrollur skont l-Artikolu 15 tal-GDPR tistax titqies li hija "eċċessiva", għandu jiġi rrilevat li, peress li l-kunċett ta' "talbiet eċċessivi" ma huwiex iddefinit f'dan ir-regolament, sabiex dan jiġi interpretat, għandhom, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, jittieħdu inkunsiderazzjoni kemm il-kliem tal-Artikolu 12(5) tal-imsemmi regolament skont is-sens abitwali tagħhom fil-lingwaġġ ta' kuljum, kif ukoll il-kuntest ta' din id-dispożizzjoni u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti (ara s-sentenzi tas-17 ta' Novembru 1983, Merck, 292/82, EU:C:1983:335, punt 12, u tad-9 ta' Jannar 2025, Österreichische Datenschutzbehörde (Talbiet eċċessivi), C-416/23, EU:C:2025:3, punt 24 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

25 F'dan ir-rigward, sa fejn għandha x'taqsam il-formulazzjoni ta' dan l-Artikolu 12(5) u, b'mod partikolari, is-sens abitwali tal-kunċett ta' "talbiet eċċessivi" fil-lingwaġġ ta' kuljum, l-aġġettiv "eċċessiv" jindika xi ħaġa li teċċedi l-miżura ordinarja jew raġonevoli jew inkella li teċċedi l-miżura mixtieqa jew permessa (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Jannar 2025, Österreichische Datenschutzbehörde (Talbiet eċċessivi), C-416/23, EU:C:2025:3, punt 43). Is-sempliċi użu ta' dan l-aġġettiv, li jirrigwarda karatteristiċi kemm kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi, ma jippermettix għalhekk li jiġi eskluż li l-ewwel talba għal aċċess hija eċċessiva.

26 Barra minn hekk, mit-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(5) tal-GDPR jirriżulta ċertament li talbiet jistgħu jkunu eċċessivi "b'mod partikolari minħabba n-natura ripetittiva tagħhom". Il-multiplikazzjoni tat-talbiet imressqa minn persuna tista' għalhekk tkun indizju tan-natura eċċessiva tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Jannar 2025, Österreichische Datenschutzbehörde (Talbiet eċċessivi), C-416/23, EU:C:2025:3, punt 57). Madankollu, kif enfasizza, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punt 28 tal-konklużjonijiet tiegħu, peress li n-natura ripetittiva tissemma biss f'din id-dispożizzjoni b'mod indikattiv, il-klassifikazzjoni ta' talba għal aċċess bħala "eċċessiva" ma teħtieġx li din it-talba taqa' neċessarjament fil-kuntest tat-tressiq ta' diversi talbiet mill-istess suġġett tad-data.

27 Għalhekk, fid-dawl ta' interpretazzjoni letterali tal-Artikolu 12(5) tal-GDPR, ma jistax jiġi eskluż li l-ewwel talba għal aċċess tista' titqies li hija "eċċessiva", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

28 Din il-konstatazzjoni hija kkorroborata mill-kuntest li fih taqa' t-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(5) tal-GDPR. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li dan l-Artikolu 12 li huwa inkluż fil-Kapitolu III ta' dan ir-regolament, jistabbilixxi d-drittijiet tas-suġġett tad-data,

jindika obbligi ġenerali li għandu l-kontrollur f'dak li għandu x'jaqsam mat-trasparenza tal-informazzjoni u tal-komunikazzjonijiet, u jistabbilixxi wkoll il-modalitajiet tal-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġett tad-data. Skont l-ewwel sentenza tal-paragrafu 2 tal-imsemmi Artikolu 12, il-kontrollur għandu jiffaċilita l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija lis-suġġett tad-data skont, b'mod partikolari, l-Artikolu 15 tal-imsemmi regolament, li jikkompleta l-qafas ta' trasparenza organizzat minn dan l-istess regolament billi jagħti lil dan is-suġġett tad-data dritt ta' aċċess għad-data personali tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Jannar 2025, Österreichische Datenschutzbehörde (Talbiet eċċessivi), C-416/23, EU:C:2025:3, punti 45 u 46).

29 Għaldaqstant, billi jipprevedi wkoll il-possibbiltà għall-kontrolluri, meta jkollhom quddiemhom talbiet li jkunu manifestament infondati jew eċċessivi, li jeżiġu l-ħlas ta' tariffi raġonevoli skont l-ispejjeż amministrattivi jew inkella li jirrifjutaw li jagħtu segwitu għal tali talbiet, dan l-Artikolu 12(5) jistabbilixxi eċċezzjoni għall-obbligu li jiġi ffaċilitat b'mod partikolari d-dritt ta' aċċess, li għandha tiġi interpretata b'mod restrittiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Jannar 2025, Österreichische Datenschutzbehörde (Talbiet eċċessivi), C-416/23, EU:C:2025:3, punt 33).

30 Madankollu, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "talbiet eċċessivi" li jinsab fl-Artikolu 57(4) tal-GDPR, li huwa trasponibbli għal din il-kawża peress li din id-dispożizzjoni hija fformulata f'termini essenzjalment analogi għal dawk tal-Artikolu 12(5) ta' dan ir-regolament u tfittex l-istess għan bħal dan l-aħħar artikolu, jirriżulta li dan jikkostitwixxi espressjoni tal-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li jipprovdi li l-partijiet fil-kawża ma jistgħux jinvokaw ir-regoli tal-Unjoni b'mod frawdolenti jew abbużiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Jannar 2025, Österreichische Datenschutzbehörde (Talbiet eċċessivi), C-416/23, EU:C:2025:3, punt 49). Fil-fatt, l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma tistax tiġi estiża sabiex tkopri t-tranżazzjonijiet li jitwettqu b'għan abbużiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2024, Matmut, C-236/23, EU:C:2024:761, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata)

31 Għalhekk, in-numru ta' talbiet għal aċċess imressqa mis-suġġett tad-data lill-kontrollur ma jiddeterminax, waħdu, id-dritt ta' dan tal-aħħar li jagħmel użu mill-possibbiltà li ma jagħtix segwitu għal talba, mogħtija lilu mill-Artikolu 12(5) tal-GDPR, b'tali mod li dan il-kontrollur jista' jużaha anki fil-każ tal-ewwel talba għal aċċess, meta juri, fid-dawl tać-ċirkustanzi rilevanti kollha ta' kull każ, l-eżistenza ta' intenzjoni abbużiva min-naħa ta' dan is-suġġett tad-data (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Jannar 2025, Österreichische Datenschutzbehörde (Talbiet eċċessivi), C-416/23, EU:C:2025:3, punt 50).

32 Din l-interpretazzjoni kuntestwali hija konformi mal-għanijiet imfittxija mill-GDPR. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li dan ir-regolament għandu l-għan, kif jindikaw il-premessi 10 u 11 tiegħu, li jiżgura livell koerenti u għoli ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi fi ħdan l-Unjoni kif ukoll li jsaħħaħ u jippreċiża d-drittijiet tas-suġġett tad-data. Għalhekk, l-obbligi tal-kontrollur previsti fl-Artikolu 12 tal-imsemmi regolament, relatati b'mod partikolari mal-komunikazzjoni skont l-Artikolu 15 ta' dan l-istess regolament, huma maħsuba bħala mekkaniżmu adattat sabiex jiġu ssalvagwardati b'mod effettiv id-drittijiet u l-interessi tas-suġġetti tad-data (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Jannar 2025, Österreichische Datenschutzbehörde (Talbiet eċċessivi), C-416/23, EU:C:2025:3, punti 38 u 39 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

33 Madankollu, il-premessa 4 tal-GDPR tipprovdi li d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali ma huwiex dritt assolut peress li għandu jiġi kkunsidrat b'rabta mal-funzjoni tiegħu fis-soċjetà u jkun ibbilanċjat ma' drittijiet fundamentali oħra, f'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità. Barra

minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà enfasizzat li l-mekkaniżmi li jippermettu li jinstab bilanċ ġust bejn id-diversi drittijiet u interessi inkwistjoni huma inklużi fil-GDPR innifsu (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, Krankenversicherung Nordrhein, C-667/21, EU:C:2023:1022, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 Għaldaqstant, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' dan il-bilanċ ġust permezz ta' din l-eċċezzjoni, kif ukoll l-effett utli tagħha, il-kriterju rilevanti fir-rigward tal-konstatazzjoni ta' aġir abbużiv huwa n-natura eċċessiva tat-talba għal aċċess evalwata mill-perspettiva kwalitattiva, konformement mal-punt 26 ta' din is-sentenza, li ma tistax tiddependi biss min-numru ta' talbiet għal aċċess imressqa mis-suġġett tad-data u għalhekk mill-fatt li din hija l-ewwel talba ta' dan tal-aħħar.

35 Minn dan isegwi li l-ewwel talba għal aċċess quddiem il-kontrollur skont l-Artikolu 15 tal-GDPR tista' titqies li hija "eċċessiva", fis-sens tal-Artikolu 12(5) ta' dan ir-regolament. Madankollu, peress li l-kunċett ta' "talbiet eċċessivi" għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv, kif jirriżulta mill-punt 29 ta' din is-sentenza, kontrollur jista' jinvoka tali natura eċċessiva biss b'mod eċċezzjonali u, kif indika l-Avukat Ġenerali fil-punt 34 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-kriterji sabiex l-ewwel talba għal aċċess tiġi kklassifikata bħala eċċessiva għandhom ikunu għoljin. Għandu jiġi enfasizzat ukoll li mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 12(5) tal-GDPR jirriżulta b'mod espliċitu li huwa l-kontrollur li għandu juri din in-natura eċċessiva.

36 It-tieni, fir-rigward taċ-ċirkustanzi li fihom l-ewwel talba għal aċċess tas-suġġett tad-data tista' tiġi kklassifikata bħala "eċċessiva" fis-sens tal-Artikolu 12(5) tal-GDPR u għalhekk tikkostitwixxi abbuż ta' dritt fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 23 u 30 ta' din is-sentenza, għandu jiġi rrilevat li l-prova ta' prattika abbużiva teħtieġ, minn naħa, numru ta' ċirkustanzi oġġettivi li minnhom jirriżulta li, minkejja osservanza formali tal-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, l-għan imfittex minn din il-leġiżlazzjoni ma ntlaħaqx u, min-naħa l-oħra, element suġġettiv li jikkonsisti fir-rieda tas-suġġett tad-data li jikseb vantaġġ li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni billi joħloq artifiċjalment il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kisba tiegħu. Tali klassifikazzjoni teżiġi, barra minn hekk, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-fatti u taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, BMW Bank *et*, C-38/21, C-47/21 u C-232/21, EU:C:2023:1014, punti 285 u 286 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

37 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-element oġġettiv ta' prattika abbużiva, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 15 tal-GDPR, moqri fid-dawl tal-premessa 63 tiegħu, huwa intiż li jagħti lil suġġett tad-data d-dritt ta' aċċess għad-data personali li tkun inġabret fir-rigward tiegħu u li jeżerċita dan id-dritt faċilment u f'intervalli raġonevoli, sabiex, b'mod partikolari, isir jaf bl-ipproċessar ta' din id-data u jivverifika l-legalità tiegħu sabiex b'hekk ikun jista' jeżerċita, jekk ikun il-każ, id-dritt tiegħu għal rettifika, id-dritt tiegħu għal tħassir, id-dritt tiegħu għal restrizzjoni tal-ipproċessar kif ukoll id-dritt ta' oppożizzjoni tiegħu u d-dritt tiegħu għal azzjoni legali fil-każ ta' dannu mġarrab (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, Österreichische Post (Informazzjoni dwar ir-riċevituri ta' data personali), C-154/21, EU:C:2023:3, punti 37 u 38).

38 F'dan il-każ, kif jirriżulta mill-atti tal-proċess quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, TC ressaq it-talba għal aċċess inkwistjoni fil-kawża prinċipali wara li abbona ruħu għan-newsletter ta' informazzjoni ta' Brillen Rottler, u kkomunika lil din tal-aħħar, waqt dan l-abbonament, ċerta data personali, b'tali mod li din it-talba għal aċċess tista' tikkostitwixxi, fuq il-livell formali, implimentazzjoni tad-dritt ta' aċċess ta' TC sabiex jintlaħaq l-għan ta' din il-leġiżlazzjoni.

39 Madankollu, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 36 ta' din is-sentenza, l-osservanza formali tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 15 tal-GDPR ma tippermettix, waħedha, li tiġi eskluża n-natura "eċċessiva" ta' talba għal aċċess u, għaldaqstant, l-eżistenza ta' abbuż ta' dritt.

40 F'dan ir-rigward, fir-rigward, fit-tieni lok, tal-element suġġettiv ta' prattika abbużiva, għandu jiġi rrilevat li, sabiex ikun jista' jikklassifika talba għal aċċess bħala "eċċessiva" fis-sens tal-Artikolu 12(5) tal-GDPR, il-kontrollur għandu jistabbilixxi, fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha ta' kull każ, l-eżistenza ta' intenzjoni abbużiva min-naħa tas-suġġett tad-data, fejn tali intenzjoni tista' tiġi kkonstatata meta dan is-suġġett tad-data jressaq din it-talba għal għan differenti minn dak ta' għarfien dwar l-ipproċessar ta' din id-data u ta' verifika tal-legalità tiegħu, sabiex ikun jista', sussegwentement, jikseb protezzjoni tad-drittijiet li huwa jislet minn dan ir-regolament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Jannar 2025, Österreichische Datenschutzbehörde (Talbiet eċċessivi), C-416/23, EU:C:2025:3, punti 50 u 56).

41 Għalhekk, f'dan il-każ, fid-dawl, b'mod partikolari, ta' dak li jirriżulta mill-punt 35 ta' din is-sentenza, huwa l-kontrollur li għandu juri b'mod inekwivoku li s-suġġett tad-data ressaq talba għal aċċess skont l-Artikolu 15 tal-GDPR mhux sabiex isir jaf b'dan l-ipproċessar, iżda sabiex joħloq artifiċjalment il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kisba ta' kumpens min-naħa tal-imsemmi kontrollur.

42 F'dan ir-rigward, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, b'mod partikolari l-fatt li s-suġġett tad-data pprovda data personali mingħajr ma kien imġiegħel jagħmel dan, l-għan tal-provvista ta' din id-data, iż-żmien li għadda bejn il-provvista tad-data u t-talba għal aċċess kif ukoll l-aġir ta' din il-persuna.

43 Fil-kuntest tal-kawża li hija adita biha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-possibbiltà li tittieħed inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' abbuż ta' dritt, informazzjoni pubblika li tindika t-tressiq sistematiku, minn TC, ta' talbiet għal aċċess għad-data personali tiegħu u ta' talbiet għal kumpens quddiem diversi kontrolluri skont *modus operandi* paragunabbli għal dak imwettaq f'dan il-każ. Għandu jiġi rrilevat, f'dan ir-rigward, li dan l-element jista', ċertament, jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġu stabbiliti l-intenzjonijiet abbużivi tas-suġġett tad-data, sakemm dan ikun ikkorroborat minn elementi rilevanti oħra.

44 Għalhekk, f'dan il-każ, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, Brillen Rottler stabbilixxietx l-eżistenza ta' intenzjoni abbużiva ta' TC fir-rigward tat-tressiq tat-talba għal aċċess ikkonċernata.

45 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel sat-tielet domanda u għas-seba' domanda għandha tkun li l-Artikolu 12(5) tal-GDPR għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ewwel talba għal aċċess għad-data personali mressqa mis-suġġett tad-data quddiem il-kontrollur skont l-Artikolu 15 ta' dan ir-regolament tista' titqies li hija "eċċessiva", fis-sens ta' dan l-Artikolu 12(5), meta dan il-kontrollur juri, fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tal-każ, li, minkejja osservanza formali tal-kundizzjonijiet previsti minn dawn id-dispożizzjonijiet, din it-talba tressqet mis-suġġett tad-data mhux sabiex isir jaf bl-ipproċessar ta' din id-data u sabiex jivverifika l-legalità tiegħu, sabiex ikun jista', sussegwentement, jikseb protezzjoni tad-drittijiet li huwa jislet mill-imsemmi regolament, iżda tressqet b'intenzjoni abbużiva, bħalma huwa l-ħolqien artifiċjali tal-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kisba ta' vantaġġ li jirriżulta minn dan l-istess regolament. Il-fatt li, skont informazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku, is-suġġett tad-data ressaq

diversi talbiet għal aċċess għad-data personali tiegħu, segwiti minn talbiet għal kumpens lil kontrolluri differenti jista' jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' tali intenzjoni abbużiva.

Fuq il-ħames u s-sitt domanda

46 Permezz tal-ħames u tas-sitt domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien u fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 82(1) tal-GDPR għandux jiġi interpretat fis-sens li jagħti lis-suġġett tad-data dritt għal kumpens għad-dannu li jirriżulta minn ksur tad-dritt ta' aċċess previst fl-Artikolu 15(1) ta' dan ir-regolament.

47 Kif tfakkar fil-punt 24 ta' din is-sentenza, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, sabiex tiġi interpretata dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija minnha.

48 Mill-formulazzjoni tal-Artikolu 82(1) tal-GDPR jirriżulta li persuna li tkun ġarrbet dannu materjali jew morali "b'riżultat ta' ksur ta' dan ir-Regolament" għandu jkollha d-dritt li tirċievi kumpens mill-kontrollur għad-dannu mġarrab. Għandu jiġi kkonstatat li din id-dispożizzjoni ma tinkludi ebda riferiment għall-"ipproċessar", b'tali mod li dan id-dritt għal kumpens ma jistax jiġi limitat għad-danni li jirriżultaw minn ipproċessar ta' data personali.

49 Din il-konstatazzjoni hija kkorroborata, l-ewwel, mill-analiżi kuntestwali tal-imsemmija dispożizzjoni, moqrija fid-dawl tal-premessa 141 tal-GDPR, li tipprevedi li kull suġġett tad-data għandu jkollu d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv b'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta "jekk is-suġġett tad-data jqis li jkun hemm ksur tad-drittijiet tiegħu skont dan ir-Regolament". Fil-fatt, l-Artikolu 82(1) tal-GDPR jinsab fil-Kapitolu VIII ta' dan ir-regolament, li jirregola r-rimedji ġudizzjarji, ir-regoli ta' responsabbiltà u s-sanzjonijiet li jippermettu li jiġu protetti dawn id-drittijiet. Issa, dawn id-drittijiet jinkludu kemm id-dritt ta' suġġett tad-data għall-informazzjoni, previst fl-Artikolu 12 tal-imsemmi regolament, kif ukoll id-dritt ta' aċċess tiegħu skont l-Artikolu 15(1) tal-istess regolament, b'tali mod li għandhom jiġu protetti mill-Artikolu 82 ta' dan tal-aħħar, li għandu għalhekk jiġi interpretat bħala li japplika wkoll għad-danni li jirriżultaw minn ksur ta' dawn l-Artikoli 12 u 15.

50 Tali interpretazzjoni ma tistax tiġi kkontestata mill-fatt li, minn naħa, mill-premessa 146 tal-GDPR jirriżulta li l-kontrollur għandu jikkumpensa kull dannu li persuna tista' ssofri "b'riżultat ta' pproċessar" imwettaq bi ksur ta' dan ir-regolament u, min-naħa l-oħra, li l-Artikolu 82 tal-imsemmi regolament isemmi, fil-paragrafi 2 u 4 tiegħu, id-"dannu kkawżat mill-ipproċessar".

51 Fil-fatt, kif issostni, essenzjalment, il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, fil-każ ta' ksur tad-drittijiet previsti mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tal-GDPR, b'mod partikolari d-drittijiet ta' aċċess għad-data u ta' rettifika kif ukoll id-drittijiet għat-tħassir, għar-restrizzjoni tal-ipproċessar u għall-portabbiltà, il-ksur allegat jista' jirriżulta mhux minn ipproċessar effettiv tad-data personali bħala tali, iżda pjuttost mir-rifjut li tintlaqa' t-talba tas-suġġett tad-data fir-rigward tal-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet. Għaldaqstant, l-issuġġettar tad-dritt għal kumpens skont l-Artikolu 82(1) tal-GDPR għall-eżistenza ta' danni li jirriżultaw minn ipproċessar bħala tali jkollu l-effett li jeskludi tali każijiet mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, u għalhekk, li jippreġudika l-effett utli tiegħu.

52 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-ksur, mill-kontrollur, tal-Artikoli 26 u 30 tal-GDPR dwar, l-ewwel wieħed, il-konklużjoni ta' ftehim li jiddetermina r-rwoli rispettivi tal-kontrolluri kif ukoll ir-relazzjonijiet tagħhom fil-konfront tas-suġġetti tad-data u, it-tieni wieħed, iż-żamma ta' reġistru tal-attivitajiet ta' pproċessar, ma jikkostitwixxix "ipproċessar illegali", li jagħti lis-suġġett tad-data dritt għat-tħassir jew għar-restrizzjoni tal-ipproċessar. Għaldaqstant, tali ksur għandu jiġi rrimedjat permezz tal-użu ta' miżuri oħra previsti mill-GDPR, b'mod partikolari l-kumpens għad-dannu possibbilment ikkawżat mill-kontrollur, skont l-Artikolu 82 tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2023, Bundesrepublik Deutschland (Indirizz tal-posta elettronika ta' qorti), C-60/22, EU:C:2023:373, punti 66 u 67).

53 Il-konstatazzjoni li tinsab fil-punt 48 ta' din is-sentenza hija kkorroborata, it-tieni, mill-interpretazzjoni teleoloġika tal-Artikolu 82(1) tal-GDPR, peress li dan l-artikolu huwa intiż li jiżgura l-implimentazzjoni tal-għanijiet ta' dan ir-regolament fosthom, b'mod partikolari, l-għan li jissaħħu d-drittijiet tas-suġġetti tad-data kif ukoll l-obbligi ta' dawk li jwettqu u jiddeterminaw l-ipproċessar tad-data personali, stabbilit fil-premessa 11 tal-imsemmi regolament. Issa, kif indika, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punt 72 tal-konklużjonijiet tiegħu, dawn id-drittijiet, li fosthom hemm preċiżament id-dritt ta' aċċess imsemmi mill-qorti tar-rinviju, jiddgħajfu b'mod sinjifikattiv jekk dan l-Artikolu 82(1) kellu jiġi interpretat bħala li huwa limitat biss għad-danni li jirriżultaw mill-atti illegali li jinvolvu pproċessar ta' data.

54 Minn dan isegwi li, anki meta jkun hemm ksur tal-GDPR li ma jinkludix, bħala tali, ipproċessar ta' data, is-suġġett tad-data jista' jinvoka d-dritt għal kumpens previst fl-Artikolu 82 ta' dan ir-regolament.

55 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ħames u għas-sitt domanda għandha tkun li l-Artikolu 82(1) tal-GDPR għandu jiġi interpretat fis-sens li jagħti lis-suġġett tad-data dritt għal kumpens għad-dannu li jirriżulta minn ksur tad-dritt ta' aċċess previst fl-Artikolu 15(1) ta' dan ir-regolament.

Fuq ir-raba' domanda

56 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ħames u għas-sitt domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għar-raba' domanda.

Fuq it-tmien domanda

57 Permezz tat-tmien domanda tagħha, li għandha tiġi eżaminata fit-tielet u fl-aħħar lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 82(1) tal-GDPR għandux jiġi interpretat fis-sens li d-dannu morali mġarrab mis-suġġett tad-data jinkludi t-telf ta' kontroll fuq id-data personali tiegħu jew l-inċertezza tiegħu dwar jekk din id-data kinitx is-suġġett ta' pproċessar.

58 Peress li l-GDPR ma jagħmilx riferiment għad-dritt tal-Istati Membri f'dak li jirrigwarda s-sens u l-portata tal-kliem li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-kunċetti ta' "dannu materjali jew morali" u ta' "kumpens għad-dannu mġarrab", dawn il-kliem għandhom jitqiesu, għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan ir-regolament, li jikkostitwixxu kunċetti awtonomi tad-dritt tal-Unjoni, li għandhom jiġu interpretati b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' Mejju 2023, Österreichische Post (Dannu morali marbut mal-ipproċessar ta' data personali), C-300/21, EU:C:2023:370, punt 30, kif ukoll tal-4 ta' Settembru 2025, Quirin Privatbank, C-655/23, EU:C:2025:655, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

59 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li ma jistax jitqies li kull "ksur" tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR jagħti, waħdu, dritt għal kumpens favur is-suġġett tad-data. Fil-fatt, l-Artikolu 82(1) tal-GDPR jipprovdi li "[k]walunkwe persuna li tkun ġarrbet xi dannu materjali jew mhux materjali b'riżultat ta' ksur ta' dan ir-Regolament għandu jkollha d-dritt li tirċievi kumpens mill-kontrollur jew il-proċessur għad-dannu mġarrab". Minnu jirriżulta b'mod ċar li l-eżistenza ta' "dannu" li jkun "iġġarrab" tikkostitwixxi waħda mill-kundizzjonijiet tad-dritt għal kumpens previst fl-imsemmija dispożizzjoni, bħall-eżistenza ta' ksur tal-GDPR u ta' rabta kawżali bejn dan id-dannu u dan il-ksur, peress li dawn it-tliet kundizzjonijiet huma kumulattivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' Mejju 2023, Österreichische Post (Dannu morali marbut mal-ipproċessar ta' data personali), C-300/21, EU:C:2023:370, punti 31 sa 33, kif ukoll tal-4 ta' Settembru 2025, Quirin Privatbank, C-655/23, EU:C:2025:655, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60 Għalhekk, il-persuna li titlob kumpens għal dannu jew għal dannu morali abbażi ta' din id-dispożizzjoni hija obbligata tistabbilixxi mhux biss il-ksur ta' dispożizzjonijiet tal-GDPR, iżda wkoll li dan il-ksur ikkawżalha tali dannu. Tali dannu ma jistax għalhekk jiġi preżunt biss minħabba l-okkorrenza tal-imsemmi ksur (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024, Agentsia po vpisvaniyata, C-200/23, EU:C:2024:827, punt 141 u l-ġurisprudenza ċċitata).

61 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li mil-lista illustrattiva tad-"danni" li jistgħu jiġġarrbu mis-suġġetti tad-data li tinsab fl-ewwel sentenza tal-premessa 85 tal-GDPR jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jinkludi f'dawn il-kunċetti, b'mod partikolari, is-sempliċi "telf ta' kontroll" fuq id-data personali tagħhom stess, wara ksur ta' dan ir-regolament, anki jekk użu abbużiv tad-data inkwistjoni ma jkunx seħħ konkretament (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024, Agentsia po vpisvaniyata, C-200/23, EU:C:2024:827, punt 145 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62 Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset ukoll li l-kunċett ta' "dannu morali" ma jistax jiġi limitat biss għal danni ta' ċerta gravità. B'mod partikolari, leġiżlazzjoni nazzjonali jew prattika nazzjonali ma jistgħux b'mod validu jistabbilixxu "livell *de minimis*" sabiex jiġi kkaratterizzat dannu morali kkawżat minn ksur ta' dan ir-regolament. Madankollu, is-suġġett tad-data għandu juri, minn naħa, li huwa effettivament ġarrab tali dannu, anki jekk ikun minimu, u, min-naħa l-oħra, li l-konsegwenzi ta' dan il-ksur li huwa jallega li ġarrab jikkostitwixxu dannu distint mis-sempliċi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2023, Gemeinde Ummendorf, C-456/22, EU:C:2023:988, punti 22 u 23).

63 Għalhekk, is-sempliċi allegazzjoni min-naħa tas-suġġett tad-data ta' biża' kkawżat minn telf ta' kontroll fuq id-data personali tiegħu ma tistax tagħti lok għal kumpens skont l-Artikolu 82(1) tal-GDPR (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2024, PS (Indirizz żbaljat) C-590/22, EU:C:2024:536, punti 33 u 35). Għaldaqstant, meta suġġett tad-data li jitlob kumpens fuq il-bażi ta' dan l-Artikolu 82(1) jinvoka l-biża' li fil-futur iseħħ użu abbużiv mid-data personali tiegħu minħabba l-eżistenza ta' ksur ta' dan ir-regolament, il-qorti nazzjonali adita għandha tivverifika jekk dan il-biża' jkunx jista' jitqies bħala fondat, fiċ-ċirkustanzi speċifiċi inkwistjoni u fir-rigward tas-suġġett tad-data (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024, Agentsia po vpisvaniyata, C-200/23, EU:C:2024:827, punt 143 u l-ġurisprudenza ċċitata).

64 Il-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 59 sa 63 ta' din is-sentenza japplikaw ukoll f'sitwazzjoni fejn is-suġġett tad-data jqis li teżisti inċertezza dwar jekk id-data personali tiegħu tkunx ġiet ipproċessata.

65 Sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, għandu jiġi rrilevat ukoll li r-rabta kawżali bejn il-ksur allegat u l-allegat dannu tista' tinkiser mill-aġir tas-suġġett tad-data, meta dan l-aġir jirriżulta li jikkostitwixxi l-kawża determinanti tad-dannu. Tali att jista' jikkonsisti, *inter alia*, f'deċiżjoni tal-persuna leża, sakemm, madankollu, din id-deċiżjoni ma tkunx imposta fuqha (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2025, WS *et* vs Frontex (Operazzjoni konġunta ta' ritorn), C-679/23 P, EU:C:2025:976, punti 151 u 152 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

66 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 59 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-allegat ksur tal-GDPR u d-dannu allegatament imġarrab mis-suġġett tad-data hija kundizzjoni *sine qua non* ta' dritt għal kumpens skont l-Artikolu 82(1) ta' dan ir-regolament. Għaldaqstant, is-suġġett tad-data ma jistax jingħata, skont din id-dispożizzjoni, kumpens għad-danni allegatament imġarrba minħabba t-telf ta' kontroll fuq id-data personali tiegħu jew minħabba l-inċertezza tiegħu dwar l-eżistenza tal-ipproċessar tagħha, meta r-rabta kawżali tinkiser minħabba l-aġir ta' din il-persuna peress li dan it-telf ta' kontroll jew din l-inċertezza jkunu ġew ikkawżati mid-deċiżjoni tal-imsemmija persuna li tissuġġetta din id-data lill-kontrollur bl-għan li toħloq artifiċjalment il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni.

67 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tmien domanda għandha tkun li l-Artikolu 82(1) tal-GDPR għandu jiġi interpretat fis-sens li d-dannu morali mġarrab mis-suġġett tad-data jinkludi t-telf ta' kontroll fuq id-data personali tiegħu jew l-inċertezza tiegħu dwar jekk id-data tiegħu tkunx ġiet ipproċessata, sakemm jintwera, b'mod partikolari, li dan is-suġġett tad-data effettivament ġarrab tali dannu u li l-aġir tiegħu ma kkostitwixxiex il-kawża determinanti ta' dan id-dannu.

Fuq l-ispejjeż

68 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-Artikolu 12(5) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data)

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

l-ewwel talba għal aċċess għad-data personali mressqa mis-suġġett tad-data quddiem il-kontrollur skont l-Artikolu 15 ta' dan ir-regolament tista' titqies li hija "eċċessiva", fis-sens ta' dan l-Artikolu 12(5), meta dan il-kontrollur juri, fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tal-każ, li, minkejja osservanza formali tal-kundizzjonijiet previsti minn dawn id-dispożizzjonijiet, din it-talba tressqet mis-suġġett tad-data mhux sabiex isir jaf bl-ipproċessar ta' din id-data u sabiex jivverifika l-legalità tiegħu, sabiex ikun jista', sussegwentement, jikseb protezzjoni tad-drittijiet li huwa jislet mill-imsemmi regolament, iżda tressqet b'intenzjoni abbużiva, bħalma huwa l-ħolqien artifiċjali

tal-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kisba ta' vantaġġ li jirriżulta minn dan l-istess regolament. Il-fatt li, skont informazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku, is-suġġett tad-data ressaq diversi talbiet għal aċċess għad-data personali tiegħu, segwiti minn talbiet għal kumpens lil kontrolluri differenti jista' jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' tali intenzjoni abbużiva.

2) **L-Artikolu 82(1) tar-Regolament 2016/679**

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

jagħti lis-suġġett tad-data dritt għal kumpens għad-dannu li jirriżulta minn ksur tad-dritt ta' aċċess previst fl-Artikolu 15(1) ta' dan ir-regolament.

3) **L-Artikolu 82(1) tar-Regolament 2016/679**

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

id-dannu morali mġarrab mis-suġġett tad-data jinkludi t-telf ta' kontroll fuq id-data personali tiegħu jew l-inċertezza tiegħu dwar jekk id-data tiegħu tkunx ġiet ipproċessata, sakemm jintwera, b'mod partikolari, li dan is-suġġett tad-data effettivament ġarrab tali dannu u li l-aġir tiegħu ma kkostitwixxiex il-kawża determinanti ta' dan id-dannu.

Firem